Ms. Claire Amato

It-3 Sena Primarja **S3.1 NIVVJAĠĠAW MADWAR IL-GŻEJJER MALTIN**

**Worksheet**

**S3.1.5**
il-mezzi ta' trasport u l-ambjent nadif

**A. Ħares sew lejn dan il-*collage*. Aħseb u iddiskuti:**



1. X'inhu ħiereġ minn dawk il-karozzi?
2. Ġieli kont fit-traffiku u rajt dak it-tip ta' duħħan?
3. Taħseb li hu tajjeb għal saħħitna?
4. X'taħseb li jista' jiġrilha dik it-tarbija li qed tibla' dak id-duħħan?
5. Taħseb li huwa ġust li n-nies jimirdu minħabba d-duħħan ta' xi mezzi tat-trasport?
6. X'nista' nagħmel jiena biex innaqqas minn dan id-duħħan fl-arja?
7. Liema mezzi ta' trasport nista' nuża biex ma nniġġisx l-arja?
8. Min igawdi minn ambjent aħjar jekk innaqqsu d-dħaħen?

**B. Aqra dawn l-istejjer qosra u agħti s-suġġerimenti tiegħek:**



Sara toqgħod iż-Żurrieq. Hija tmur il-pjazza bil-mixi.

Ħuha Darjo wkoll joqgħod iż-Żurrieq. Huwa jmur il-pjazza bil-karozza.

1. Min minnhom qed jagħmel il-ġid lill-ambjent?
2. Min qed jagħmel l-aktar ġid għal saħħtu?
3. Meta jkollok tmur qadja mill-pjazza tar-raħal tiegħek, kif tmur?



Samwel u Viktor joqogħdu fl-istess raħal u jaħdmu fl-istess uffiċju.

Samwel imur ix-xogħol bil-karozza tiegħu u Viktor jagħmel l-istess.

Ta' spiss igergru bejniethom għax isibu l-parking problema.

1. X'jistgħu jagħmlu Samwel u Viktor biex jevitaw milli jniġġsu l-ambjent?
2. Liema hi l-problema l-oħra li jnaqqsu jekk jiftiehmu u jitilgħu b'karozza waħda?



Lena tmur il-Belt bil-karozza tagħha.

Tgħidx kemm tgerger għax ikollha tipparkja l-Furjana u timxi ħafna bit-takkuna.

1. Liema mezz tat-trasport tista' tuża Lena biex timxi inqas bit-takkuna?
2. Għaliex tkun qed tagħmel il-ġid lill-ambjent jekk tuża l-karozza tal-linja?
3. Taqbel ma' car-free spaces, jew postijiet fejn il-karozzi huma llimitati? Għaliex?

**Ms. Claire Amato**

Pinu joqgħod in-Naxxar. In-nanna toqgħod żewġ kantunieri bogħod. Pinu kuljum iżur in-nanna permezz tar-rota. Huwa jgħid li bir-rota tasal malajr, tagħmel l-eżerċizzju u tieħu pjaċir.



1. Inti taqbel ma' Pinu?
2. Fejn tħobb tmur bir-rota?
3. Għaliex ngħidu li r-rota hija mezz tat-trasport effiċjenti?